XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 411*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 39*
*Il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju, 2010*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4.00pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

**1. Kiosks tal-Festa**

*Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jiġu diskussi il-postijiet tal-Kiosks tal-Festa wara li l-Kunsill irċieva ittra minn għand l-Av. Angele Formosa f'isem Jason Attard li għandu kiosk u li jarma fil-jiem tal-festa tax-Xewkija. Barra minn hekk il-Kunsill irċieva ittra oħra minn għand il-Kummisjoni Armar ta' Triq San Bert dwar l-istess Kiosks peress li uħud minnhom se jitpoġġew fi Triq San Bert.*

**i. Kiosk ta' Jason Attard**

Il-Kunsill iddiskuta dwar l-ittra mibgħuta mill-Av. Angele Formosa f'isem Jason Attard li jarma l-kiosk tiegħu 'Herbies'. L-Avukat Formosa elenkat żewġ problemi li fl-opinjoni tagħha il-klijent ser ibati l-konsegwenzi tagħhom. Hija ilmentat dwar il-fatt li l-Kunsill ħariġlu l-permess biex f'jumejn tal-festa jarma f'post filwaqt li ġurnata oħra jarma f'post ieħor u għalhekk kien se jidħol fi spejjeż żejda biex iħallas għal kaxxa tad-dawl. Barra minn hekk qed tilmenta li peress li bdilna l-post minn Triq Arċ. Ciantar għal Triq San Bert u l-Kunsill għamel kundizzjoni biex tal-kiosks iżarmaw wara li tintemm l-attivita tal-festa kull ġurnata, huwa mhux ser ikollu ħin biżżejjed biex jagħmel dan.

Il-Kunsill qabel li għandna nibgħatu r-risposta tagħna għall-ilmenti tal-Av Formosa li għamlet f'isem Jason Attard. Il-Kunsill innota li Jason Attard diġa għamel permess għal tlett'ijiem u l-kiosk ser ikun fl-istess post fi Triq San Bert, u għalhekk l-argument tal-Av. Formosa dwar żewġ postijiet fejn ipoġġi l-kiosks ma jreġix. Fl-istess permess maħruġ mill-Kunsill, Jason Attard iffirma li qed jaċċetta l-kundizzjonijiet li għamel il-Kunsill lis-sidien tal-kiosks kollha. Barra minn hekk il-permess ta' Jason Attard li għandu mad-Dipartiment tal-liċenzji huwa bħala 'street hawker' u mhux 'fixed hawker' u dan apparti li għas-sena 2010 għadu mhux imħallas.

Jason Attard se jiġi nfurmat dwar dan u jekk huwa mhux kuntent bil-kundizzjonijiet li għamel il-Kunsill jista' bil-liberta' kollha jagħżel li ma jarmax il-kiosk tiegħu fil-festa tax-Xewkija.

**ii. Kiosks fi Triq San Bert**

Wara l-Kunsill għadda biex jiddiskuti dwar l-ittra tal-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert. Fil-kamra tal-laqgħat f'dan il-ħin kien hawn preżenti f'isem l-Kummissjoni Armar Triq San Bert David Azzopardi, President, Jason Saliba, Segretarju, Luke Galea, Teżorier, Carmel Xuereb u Anthony Galea, membri. F'isem Banda Prekursur kien hawn preżenti Carmel Attard, Segretarju u Louis Vella, President. F'isem il-Kumitat taż-Żgħażagħ ta' Banda Prekursur kien hawn preżenti Gerald Zammit, President, Carmel Azzopardi, Kaxxier u Owen Zammit Haber, Segretarju.

Fl-ittra tagħhom, il-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar il-fatt li l-kiosks tneħħew minn wara l-Knisja u issa se jitpoġġew fi Triq San Bert. Dan, skond huma, ser ikun ta' dannu għall-armar tagħhom kemm il-pavaljuni tad-dawl kif ukoll għal sett ta' bandalori ġodda li se jagħmlu għall-istess triq. Huma qed jitolbu li tinstab soluzzjoni li tkun għal ġid ta' kulħadd.

Il-Kunsill għamilha ċara ma dawk preżenti li ħafna mill-kiosks li jarmaw wara l-Knisja se jerġgħu jarmaw hemm hekk. Li ġara kien li peress li l-kiosks minn sena għal oħra qed jiżdiedu u anke jkun hemm min ikabbar, wara l-Knisja m'hemmx spazju biżżejjed biex jakkomoda lil kulħadd. Kien għalhekk li l-Kunsill ħa deċiżjoni biex ftit minn dawn il-kiosks jibdew jarmaw fi Triq San Bert, fejn kienu jarmaw sa ftit tas-snin ilu.

Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill u l-għaqdiet preżenti qablu kif għandhom jarmaw il-kiosks li ser ikunu allokati post fi Triq San Bert u b'hekk ma jkunux ta' xkiel għall-armar. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn il-kiosks se jarmaw fi Triq San Bert din is-sena biss peress li sena oħra l-Kunsill ser jaħseb biex dawn il-kiosks jiġu allokati post ieħor.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 2 ta' Lulju, 2010 fis-6.30pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku